# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 12 ta' Lulju, 2001

**Numru : 37**
**Citaz. Numru : 1197/01/RCP**

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Anthony Bezzina**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta attrici fis-somma komplessiva ta' elfejn disa mija u tnejn u sebghajn lira Maltin (Lm2972) in kwantu ghal elfejn tmien mija u seba u sebghajn lira Maltin (Lm2877) import ta' kambjala hawn annessa u markata bhala Dokument I u li data tal-maturita' taghha skadiet u in

kwantu ghall-hamsa u disghajn lira Maltin (Lm95) rappresentanti imghaxijiet legali fuq dan l-ammont dovut sal-lum b'rizerva ghall-imghaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv;

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat ihallas baqa' inadempjenti;

Illi dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u jikkonkorru l-elementi kollha mehtiega biex jigi dispensat is-smiegh a tenur tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan in vista tal-Affidavit hawn anness u markat Dokument "X";

L-istess socjeta` attrici talbet li ghalhekk il-konvenut jghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tordna li l-kawza ghandha ssir bid-dispensa tas-smiegh;

u

2. Tikkundanna lill-konvenut bhala debitur tas-socjeta attrici, jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma komplessiva ta' elfejn disa mija u tnejn u sebghajn lira (Lm2972) in kwantu ghal elfejn tmien mija sebgha u sebghajn lira Maltin (Lm2877) import ta' kambjala li d-data tal-maturita' taghha skadiet u in kwantu ghall

hamsa u disghajn lira Maltin (Lm95) rapprezentanti imghaxijiet legali fuq dan l-ammont dovuti sal-lum.

Bl-ispejjez u b'rizerva ghall-imghaxijiet ulterjuri mid-data tal-lum sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit ta' Luciano Martinelli ghan-nom tas-socjeta` attrici u d-dokument esebit.

Rat li l-konvenut debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill-ligi baqa' kontumaci u msejjah tlett darbiet lanqas ma deher.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi:

2. Tikkundanna lill-konvenut bhala debitur tas-socjeta attrici, jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma komplessiva ta' elfejn disa' mija u tnejn u sebghajn lira (Lm2972) in kwantu ghal elfejn tmien mija seba u sebghajn lira Maltin (Lm2877) import ta' kambjala li d-

data tal-maturita' taghha skadiet u in kwantu ghall-hamsa u disghajn lira Maltin (Lm95) rapprezentanti imghaxijiet legali fuq dan l-ammont dovuti sal-lum.

Bl-ispejjez u b'rizerva ghall-imghaxijiet ulterjuri mid-data tal-lum sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**12 ta' Lulju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**12 ta' Lulju, 2001**